# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 13/K9/20

Data tal-laqgħa: 04 ta' Marzu 2020

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Patricia Camilleri - Kunsilliera
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Sean Gauci - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (1)**

Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul (Inc. 10443/20)
Il-Kunsillier Martin John Sultana (Inc. 10447/20)
Il-Kunsillier John Agius (Inc. 10560/20)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Inqrat it-Talba.

**13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

13.1.01 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talab li jiġi skużat għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill minħabba conflict of interest, filwaqt li l-Kunsillier Martin John Sultana talab li jiġi skużat minħabba li kien indispost. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġu skużati.

**13.2 Deċiżjoni tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar PA07628/19**

13.2.01 Din il-laqgħa kienet qed tiġi msejjħa b'mod urġenti mis-Sindku skond id-dispożżizzjoni ta' artiklu 29A. Fil-bidu tal-laqgħa s-Sindku ta spjegazzjoni għal urġenza ta' din il-laqgħa għaliex kellna terminu sa meta stajna nagħmlu l-appell fuq deċiżjoni tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar post tal-irmiġġ għal hop on hop off maritimu fil-Bajja tal-Balluta. Iċ-Ċermen kompla jispjega li l-bord tal-Planning Authority wara l-ewwel seduta kien esprima l-oġġezzjoni tiegħu għal dan l-irmiġġ iżda fil-laqgħa li saret fit-2 ta' Marzu 2020 biddel din id-deċiżjoni għal waħda favur il-proġett. Għalhekk kien qiegħed jissuġerixxi li l-Kunsill jissotometti appell fuq din id-deċiżjoni flimkien ma' numru ta' NGO's u li tinħareġ stqarrija għall-istampa fejn tispjega dan (Ara stqarrija annessa).

13.2.02 Saret diskussjoni fosthom il-Kunsillier Guido Dalli talab li jsiru xi tibdiliet għall-proposta tal-istqarrija u kien hemm qbil fuq din il-proposta kif emmendata. Is-Segretarju nforma wkoll lill-Kunsill li l-Kunsillier Martin John Sultana infurmah sabiex iwassal il-punt tiegħu lill-Kunsill li huwa xtaq jenfasizza li l-Kunsill kien diġa ħa deċiżjoni fuq il-proposta għall-pixxina mill-Club ta' San Ġiljan.

**13.03 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

13.03.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 12 ta' Marzu 2020 fil-5.00p.m. hekk kif kien miftiehem fil-laqgħa preċidenti.

13.03.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30p.m.

**IFFIRMATI**

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 04 ta' Marzu 2020